**MNUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xagħra

Id-Disa' Leġislatura

**Laqgħa B'Urġenza Numru Tnejn (2)**

**6 ta' Lulju 2024**

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsabfi Triq it-Tiġrija. Il-laqgħa bdiet fid-8.40am ta' filgħodu

**PREŻENTI:**

**Victor John Curmi- Kunsillier**

**Dr Francienne Muscat- Kunsilliera**

**Dr Kevin Cutajar- Kunsillier**

**Marion Rita Portelli- Kunsilliera**

**Dr Christian Zammit- Kunsillier**

**Leanne Micallef- Kunsilliera**

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**Aaron Agius- Kunsillier**

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Marion Attard – Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku s-Sur Victor Curmi ppresjeda l-laqgħa.

**2.1 Materiji għad-diskussjoni mal-Ministru t'Għawdex**

2.1.1 Is-Sindku kkomunika li ħass il-bżonn ta' din il-laqgħa biex b'hekk il-membri tal-Kunsill flimkien ikunu jistgħu jiddiskutu dawk il-materji li jaħsbu li għandhom jiġu diskussi mal-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar fil-laqgħa skedata għall-Ġimgħa 12 ta' Lulju 2024 fl-10.00am. Lil hinn mit-tħaddin politiku, s-Sindku stqarr li issa kull membru għandu jara biss l-interess tax-Xagħra.

2.1.2 Is-Sindku stqarr li jħoss li għandu jiġu diskuss il-proġett taċ-Ċentru Ċiviku mal-Ministru Clint Camilleri hekk kif kien il-Ministeru t'Għawdex stess li għadda fondi biex dan il-proġett ikun jista' isir. Is-Sindku spjega li t-Tlieta 9 ta' Lulju kienet ser isir laqgħa mal-kuntrattur u perit responsabbli biex b'hekk il-Kunsill jmexxi minnufih bix-xogħol hekk kif kien infurmat li l-iskjavar kien lest u hemm il-*clearance* minn naħa tal-SCH.

Il-Kunsillier Dr Christian Zammit rreferra għall-fatt li s-sit la hu fil-UCA u anqas fil-*buffer zone* tal-Ġgantija waqt li spjega x'hemm inkluż f'dan il-proġett fosthom garaxx li jesa' 4 karozzi, għassa mal-livell tat-triq, berġa, *reception* tal-Kunsill u kamra li tista' tinkera b'permess ta' ħanut. L-ewwel sular jinkludi l-uffiċini tal-Kunsill waqt li t-tieni sular tinkludi sala għall-komunita'.

Is-Sindku Victor Curmi ippropona li għandu jitla' ħajt ta' seba' piedi minflok il-ħadid madwar is-sit. Il-Kunsilliera Dr Francienne Muscat elenkat li dan hu rikjest mil-liġi u li l-Kunsill għandu jara li jkun konformi mal-liġi. F'dan l-istadju il-Kunsillier Dr Kevin Cutajar iddikjara li għandu kunflitt ta' interess. Dan il-punt kellu jitqajjem fil-laqgħa mal-kuntrattur u l-perit.

Il-Kunsill iddiskutta ukoll il-bżonn li ssir bankina proviżorja hekk kif in-nies qed jispiċċaw jimxu fit-triq fi triq li hi traffikuża ħafna. Il-Kunsill iddiskutta l-possibbiltà li x-xogħlijiet isiru minn Trejqet George Cini. Il-Kunsillier Dr Kevin Cutajar rrimarka li għandu jsir ippjanar tajjeb meta l-permessi jkunu fi Vjal It-8 ta' Settembru u l-Kunsill għandu jieħu ħsieb jinforma lill-pubbliku fuq il-paġna tal-Facebook. Dan japplika ukoll għal permessi oħra. Dr Kevin Cutajar talab li wieħed jikkunsidra li ma jkunx hemm għeluq ta' triq li joħloq problemi. Is-Segretarju spjega li diġà qed isir attenzjoni u hemm skrivana speċifikament fuq il-permessi.

2.1.3 Is-Sindku ppropona li għandha ssir talba lill-Ministru biex jassenja grupp ta' ħaddiema biex jgħinu fit-tindif madwar il-lokalita'. Is-Sindku spjega x-xogħol varjat li jagħmlu l-ħaddiema assenjati mal-Kunsill. Il-Kunsilliera Dr Francienne Muscat talbet li l-Kunsill għandu jirrikonoxxi l-ħidma ta' dawn il-ħaddiema anke billi jtella' ritratti tax-

xogħol li jagħmlu fuq il-paġna tal-Facebook tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li għandhom jingħataw T-Shirts b'logo żgħir tal-Kunsill. Is-Segretarju ħadet nota ta' dan.

2.1.4 Is-Sindku ppropona li għandhom jiġu diskussi Triq Ta' Stellini u Triq Karkar. Triq Ta' Stellini x-xogħol min-naħa tal-WSC kien beda xhur ilu imma kien jinsab wieqaf b'detriment għar-residenti. Is-Sindku spjega li kien mgħarraf li x-xogħlijiet kienu wieqfa minħabba li kienu qed jistennew mill-ERA post fejn jistgħu jiġu mħawwla s-siġar li hemm. Il-membri preżenti qablu li għandha ssir pressjoni biex din it-triq titkompla u anke ssir pressjoni biex Triq Karkar isir ukoll. Waqt li ġew diskussa dawn iż-żewġ toroq il-Kunsillier Dr Kevin Cutajar staqsa rigward min kien responsabli mit-toroq. Is-Sindku wieġbu li fil-każ t'Għawdex dawn jaqgħu taħt ir-responsabilta' tal-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar.

2.1.5 Il-Kunsillier Dr Kevin Cutajar ppropona li l-Kunsill jiddiskutti mal-Ministru t'Għawdex il-bankini fil-lokalita' hekk kif huma biss żewġ toroq fil-lokalita' tax-Xagħra li huma aċċessibli, Vjal It-8 ta' Settembru u Triq Marija Bambina Il-Kunsillier Dr Cutajar talab li l-Kunsill jikkunsidra li bħala Kunsill ikun ta' eżempju f'dan ir-rigward għal Kunsilli oħra. Is-Sindku issuġġerixxa li tkun idea tajba li l-Kunsill jara jistax japplika taħt xi skemi ta' fondi biex b'hekk aktar bankini jkunu aċċessibli.

2.1.6 Il-Kunsillier Dr Kevin Cutajar ippropona li l-Kunsill għandu jagħmel pressjoni mal-Ministeru t'Għawdex biex isir *upgrading* fuq il-grawnd tal-futbol. Is-Sindku spjega li kemm-il darba l-Kunsill preċedenti ikkollabora f'manutenzjoni minħabba l-elementi tat-temp imma jibqa' l-fatt li l-grawd m'huwiex *devoluted* lill-Kunsill.

2.1.7 Is-Sindku rreferra għall-monument ta' Mario Agius maħsub għal fuq il-belvedere fi Triq Ta' Qaċċa. Il-Kunsill iddiskutta li għandha ssir talba lill-Ministeru biex jittranġa dan il-belvedere qabel ma jitqiegħed il-momument.

2.1.7 Il-Kunsilliera Dr Francienne Muscat issuġġerriet li l-Kunsill għandu jitlob follow-up *meeting* mal-Ministru. Il-membri tal-Kunsill qablu ma' dan.

Konfermati illum 18/07/2024

**Victor John Curmi**
**Sindku**

**Marion Attard**
**Segretarju Eżekuttiv**